IT-TMIEN LEĠISLATURA

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

**Laqgħa Numru 67**

**Nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gżira Itaqa' fil-*boardroom* tal-Kunsill Lokali fil-5:00pm.

**PREŻENTI:**

**Conrad Borg Manche – Sindku**

**Ralph Mangion – Viċi Sindku**

**Neville Chetcuti – Kunsillier**

**Ian Buhagiar- Kunsillier**

**Hugh Caruana- Kunsillier**

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**Mario Azzopardi- Kunsillier**
**Jessica Borg- Kunsilliera**

**ASSENTI**

**Jeremy Cardona - Kunsillier**
**Alex Calleja Zammit - Kunsillier**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

**Mandy Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti - is-Sindku Conrad Borg Manche, il-Vici Sindku Ralph Mangion , il-Kunsillera: Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Hugh Caruana.

**67.01** **Qari tal-ittri tal-apoloġiji**

67.01.01 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fil-hamsa ta' filgħaxija.

67.01.02 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia infurmat li rċeviet ittra ta' apoloġija minngħand il-Kunsillier Mario Azzopardi u l-Kunsilliera Jessica Borg .

**67.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

**Korezzjonijiet u xogħol li jrid isir.**

**67.02.01** Ma nstabu l-ebda korrezzjoni

**67.02.02** Il-Viċi Sindku Ralph Mangion fakkar li kellha issir tabella biex ma jipparkjawx karrozzi fi *Sliema Road* fejn *Swift Tyres* sabiex dawn ikunu jistgħu joħorġu matul il-ġurnata. Id- Deputat Segretarju Ezekuttiv Mandy Farrugia informat li s-sinjali ġew ordnati u qed jistennewhom. Qalet ukoll li se jikkuntattjaw lill-kuntrattur biex jikkonferma data meta se jiġu *delivered.*

Id- Deputat Segretarju Ezekuttiv Mandy Farrugia informat lill-Kunsilliera li se ticcekja dwar is-*sleeping policeman* ta Triq Luqa Briffa.

**67.02.04**

Il-Kunsillier Neville Chetchuti fakkar li kemm il-*junction box* ta' *Sliema Road* kif ukoll it-tabella ta' 30kmph , minn Triq ix- Xatt lejn Triq

Manuel de Vilhena għadhom ma sarux. Hu rrimarka li l-limitu tal-velocità ghandu jkun 20Km/h u mhux 30 km/h. Dan b'referenza għall-punt 66.02.02. Huwa staqsa wkoll kienx hemm xi korrispondenza ma' *Infrastructure Malta* fuq *Msida Road* lejn Triq ix-Xatt peress li x-xogħol ġewwa din it-triq ma sarx sew u hemm bżonn li jerġa' jingħata t-*tarmac*. Id- deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia informat li għalkemm *Infrastructure Malta* ġiet infurmata, il-Kunsill għadu ma rċeviex korrispondenza fuq dan.

Il-Kunsillier Neville Chetchuti rrimarka li minnkejja li l-aħħar laqgħa semma li xogħol fuq il-*bus stop* beda u miexi sew issa jidher li x-xogħol waqaf

**66.02.05** Il-Kunsillier Neville Chetchuti saqsa dwar aggornament fuq il-*pots* ta hdejn il-knisja. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia informat li irceviet tlett quotes u ghaldaqstant se tintghazel l-irhas offerta.

**66.02.06** B'referenzza ghall-punt **66.04.01,** il-Kunsillier Neville Chetchuti ikkonferma li hemm *doggy bin* hdejn *Savoy Gardens* u ma jistax ikun hemm koncentrazzjoni taghhom hdejn xulxin .

66.2.07 Il-minuti ġew proponuti mill-Viċi Sindku Ralph Mangion u ssekondati mill-Kunsillier Ian Buhagiar.

**66.03 Korrespondenza mas-Sindku**

**66.03.01** Is-Sindku Conrad Borg Manche għarraf lill-kunsill li miexi x-xogħol fil-librerija tal-iskola.

**67.03.02** Is-Sindku Conrad Borg Manche informa l-Kunsill li ghandu korrespondenza mis-Sur Fabian Borg fuq zewg progetti tal- EU. L-ewwel wahda bit-titlu MAREA fejn tiffoka fuq il-*micro plastics* fil-bahar .

It-tieni korrespondenza hu dwar progett iehor ta' *Steam On - Eu Mission for adaptation to Climate Change*. Dawn il-proġetti huma ffinanzjat 80% mill-Kummissjoni Ewropea u 20% xoghol mill-Kunsill.

**67.03.04** Is-Sindku Conrad Borg Manche għarraf lill-Kunsill li ircieva mit- TM lista ta fejn ha jehlu ic-*charging pillars*. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Mandy Farrugia informat li ser jiccekjaw li l-*coordinates* li bghatu TM huma l-istess skont li kien miftiehem.

67.3.5 Is-Sindku Conrad Borg Manche nforma lil-Kunsilliera li rcieva rizenja minn wahda mill-impjegati. Id- Deputat Segretarju Ezekuttiv Mandy Farrugia infurmat li se tinhareg sejħa għal impjegat ġdid.

**Skemi 2024**

**76.6.1 Is-Sa. Mandy Farrugia tħabbar li ħarġu erba' skemi ġodda.** Dawn huma:

**SPI/SCI/02/2024 Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi** li tagħlaq fid-9 t'April. Wara diskussjoni fejn id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat l-iskema pprezentata. Wara li kull kunsillier esprima l-oppinjoni tieghu bil-liberta' kollha gie deciz li l-Kunsill lokali tal-Gzira ghandu japplika biex jaghmel rampi fuq il- bankini.

**SPI/SCI/03/2024 Inizjattiva Finanzjarja** – Din l-iskema hi mmirata ghal-lokalitajiet aktar nodfa u tagħlaq fid-31 ta'Mejju. Wara diskussjoni fejn id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat din l-iskema fid-dettal, il- Kunsill iddecieda li japplikaw ghal din l-iskema bit-tir li jnaddfu il-bahar tal-bajja tal-Gzira.

**SPI/SCI/04/2024 Fondi ta' manutenzjoni u sostenn ta' progetti infrastrutturali u maġġuri li ġew imwetqa mill-Gvern Lokali.** Din l-iskema titratta kull proġett li kien ikun għamel il-Gvern u ssir il-manutenzjoni tiegħu. Wara diskussjoni fejn id-Deputat Segretarju Ezekuttiv spjegat l-iskema pprezentata u ghalxiex hija mmirata kull kunsillier esprima l-opinjoni tieghu bil-liberta kollha. Ghaldaqstant gie deciz li l-Kunsill lokali tal-Gzira japplika biex tissewwa l-*Junction Box*.

- SPI/SCI/06/2024 - **Tneddija mill-gdid tal- Community Inclusive Employment Scheme ( CIES)** - Din tagħlaq fit-12 t' April. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal din l-iskema, biex persuna oħra tkun tista' tibbenefika billi jkollha aktar gharfien dwar kif taħdem f'ambjent ta' uffiċċju.

**66.04** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**67.03.05** Il- Vici Sindku Ralph Mangion staqsa jekk wara li jitlesta ix-xoghol mill- Enemalta fi Triq Moroni sa Triq Ponsonby, jekk hux ser jirrangaw it-triq bit-tarmac biex din it-triq ma tibqax ta periklu.

**67.03.06** Il- Vici Sindku Ralph Mangion fakkar li fis-6 t' April ser ikun hemm *Pasta Night* organizzat mill-Klabb tal-Football b'kollaborazzjoni mal-Kunsill fit-Teatru Orpheum.

**67.03.07** Il-Kunsillier Hugh Caruana ghal li hu ta dissapunt li tara kulumkien platforms fuq il bankini , qed isaqsi jekk il- Hanut ta hdejn Rausi ghandux pemess.

**67.03.08** Il-Kunsillier Neville Cutajar irrimarka li il- magni tal- BCRS fit-Triq tas-Sliema huma ta periklu fil-post li qeghdin , hu tkellem mad-dipartiment tal-BCRS u sabu solluzjoni li jigu rilokati hdejn *Muscat Motors*.

**67.03.09** Il-Kunsillier Neville Cutajar issuggerixxa li jsiru *cameras* hdejn il-*bring in sites* ta' Pjazza Jerry Zammit.

**67.03.10** Il-Kunsillier Ian Buhagiar irrimarka li jehtieg tinsab soluzzjoni li jiffacilita l- parkegg ta' Triq tas-Sliema.

**67.03.11** Il-Kunsillier Neville Cutajar sahaq li l-*letter box* fit-Triq Tas-Sliema hi

perikoluza u idealment ticcaqlaq hdejn il-*pet shop*.

**67.03.12** Il-Kunsillier Neville Cutajar gibed l-attenzjoni dwar il-htiega li jitnehha l-i*skip* li hemm hdejn il-*housing estate*.

67.03.13 Il-Kunsillier Neville Cutajar qal li hemm bzonn jitnehha l-*bin* li jinsab fi Triq il- Vittorja, kantuniera ma' Triq San Gorg.

67.03.14 Il-Kunsillier Neville Cutajar talab biex tigi ordnata tabella biex ma jinghatax ghalf lill-hammiem gol- *housing estate*.

67.03.15 Il-Kunsillier Neville Cutajar talab ukoll biex it-*traffic lights* jitressqu minn Triq Reggie Miller ghal go Triq Luqa Briffa.

67.03.16 Il-Kunsillier Neville Cutajar qal li hemm xi dawl tal-Milied ma' xi sigar tal-palm go Triq ix- Xatt li ghadu ma tnehhiex.

67.03.17 Il- Vici Sindku Ralph Mangion staqsa biex l-Enemalta tirranga it-toroq minn Triq St. Albert sa hdejn l-iskola wara li jitlesta ix-xoghol tat-*trenching*.

66.05.01 Din għada trid tiġi indirizzata.

**66.06 Rapport**

**66.06.01** Ma kien hemm l-ebda rapport.

**66.07 Mistoqsijiet u Suġġerimenti ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**66.07.01** Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet jew suġġerimenti oħra.

**66.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

**66.08.01** Il-Kunsillier Neville Chetcuti ppropona li l-PAS jiġu approvati. Il-Kunsillier Ian Buhagiar issekondah.

**66.09** **Mozzjoni**

66.09.01 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

66.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

66.10.01 Il-laqgħa intemmet għall-ħabta tas- 7.00p.m. Is-seduta li jmiss se tkun aggornata ghal nhar it-Tnejn 25 ta'Marzu 2024.

Konfermati llum 25 ta' Marzu 2024

**IFFIRMATA**

Sindku
Eżekuttiv

**IFFIRMATA**

Mandy Farrugia
Dep. Segretarju